MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2008

Talba Numru. 849/2007

**Starfruit Ltd**

**Vs**

**Donald Zarb**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf, seba' mija u wiehed u sebghin Euro u sebgha u tletin centezmu (€1,771.37) - (Lm760.45c) rapprezentanti xoghol li l-konvenut xtara bejn Gunju u Awissu 2006 ta' frott, liema ammont huwa naqas li jhallas anke wara li gie interpellat li jhallas skond ittra legali tal-25 ta' Lulju 2007.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lil John Agius li konferma li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf, seba' mija u wiehed u sebghin Euro u sebgha u tletin centezmu (€1,771.37) - (Lm760.45c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------